# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 342/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jason Camilleri**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Jason Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 433072M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli ghax-xhur ta' bejn April 2006 sa Novembru, 2015 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9 Artikolu 18)naqas li jaghti lil Audrie Paris, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Gunju, 2016 li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Art 28A tal-Kap 9 u kif ukoll ordnat hlas ta' €1,400 fi zmien sitt xhur ai termini tal-Art 28H tal-Kap 9;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jason Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-parte civile bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell odjern jirrigwarda biss il-piena kominata mill-ewwel Qorti fuq il-gravami illi l-appellant ma kienx konsapevoli li kien obbligat ihallas manteniment stante li z-zwieg tieghu kien annullat kif ukoll li sa ma inghata l-kundanna odjerna kellu fedina penali nadifa u ghalhekk talab temperament fil-piena;

2. Fl-udjenza tallum, id-difensur tal-parte civile ddikjarat li l-appellant ottompera ruhu u dan wara li inghata differiment minn din il-Qorti sabiex jirregola d-debitu minnu dovut;

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut anke jekk dan kien ifisser koncessjoni ta' differiment wiehed sabiex ikun evitat l-estremi tal-privazzjoni tal-liberta', anke jekk f'dan il-kaz x-xahar prigunerija kienu sospizi fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-unika imputazzjoni, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xahar prigunerija sospizi ghall-zmien sena fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici kriminali u l-obbligu li jhallas is-somma ta' €1400 fi zmien sitt xhur fit-terminu tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali u minflok tikkundannah ghal-ammenda ta' hamsin u ghoxrin euro (€25).